# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 23 ta’ April 2024

**IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA**

**vs**

**JOHN CASSAR**
**(K.I. 317463M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat John Cassar ta' 60 sena, iben Annunziato u Carmela xebba Mifsud, imwieled Zejtun nhar 14 ta’ Ġunju 1963 residenti f' 38, Holma, Fl 2, Triq San Pietru, Birzebbugia u detentur tal- karta tal-identità numru 0317463M u akkużat talli talli bejn Marzu 2021 u November 2023 f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda;

1. U aktar talli xjentement ghamilt użu minn waħda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli xjentement ghamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

4. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet ohra;

5. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet ohra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000);

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużi odjerni jirrigwardjaw skema kumplessa ta' frodi versu d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fejn l-akkużat applika għal, u ottjena, il-benefiċċju tad-diżabilità abbażi tal-marda ta' Multiple Sclerosis meta hu ma kienx aflitt minn din il-marda hekk serja. Illi permezz ta' din l-iskema frawdolenti, l-akkużat irċieva madwar €16,422.59 f'benefiċċji li ma kienx intitolat għalihom. Illi dan l-ammont ġie llum mħallas u ritornat lura kollu lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tar-raba' u l-ħames akkużi, peress li dawn huma alternattivi għal xulxin, il-Qorti ser tqis l-ammissjoni fir-rigward tar-raba' akkuża iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames akkuża.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li għalkemm ir-reati kommessi huma ta' natura serjissima għaliex jaffettwaw propju l-erarju pubbliku u għandhom il-qerq fil-bażi ċentrali tagħhom, min-naħa l-oħra tqis ukoll li l-akkużat ammetta l-akkużi fi stadju bikri u anke kkowopera mal-pulizija fl-istħarriġ tagħhom. Filfatt hu rrilaxxa stqarrija dettaljata ta' kif kienet qed tinħadem din l-iskema. Di più, l-akkużat issalda l-ammonti kollha dovut mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. B'hekk, fil-fehma tal-Qorti għalkemm piena karċerarja hija ideonea għal dawn il-fatti, din m'għandhiex tkun waħda effettiva.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 169, 184, 188(1)(2), 308, 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni

inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil John Cassar **ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta’ sentejn (2) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**